



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.1.2018
COM(2018) 2 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020: il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-programmi
tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE**

1. INTRODUZZJONI

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma kruċjali għas-sostenn tal-mudell soċjoekonomiku u tal-valuri tal-Ewropa u tal-kompetittività globali tagħha. Dan qed ikun dejjem aktar il-każ f'dinja li qed tinbidel rapidament, fejn is-suċċess tagħna jiddependi dejjem aktar fuq il-produzzjoni tal-għarfien u fuq kif dan jinbidel minnufih f'innovazzjoni milli fuq l-isfruttament tar-riżorsi naturali jew it-tnaqqis tal-pagi. It-tkabbir sostenibbli fil-futur jista' jseħħ biss jekk issa ninvestu fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Orizzont 2020, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020), huwa riżorsa ewlenija tal-UE sabiex jintlaħaq dan l-għan. Dan jimministra li jstimula t-tkabbir ekonomiku u joħloq l-impjiegi billi jgħaqqad ir-riċerka u l-innovazzjoni, jippromwovi x-xjenza eċċellenti u t-tmexxija industrijali u jindirizza l-isfidi tas-soċjetà.

F'konformità mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar¹, matul l-ewwel tliet snin ta' implimentazzjoni tal-programm, is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu Evalwazzjoni Interim komprensiva tal-progress tiegħu². Ir-rispons tal-partijiet ikkonċernati għall-konsultazzjoni pubblika dwar l-Evalwazzjoni Interim kien b'saħħtu ħafna, b'aktar minn 3500 risponent u aktar minn 300 dokument ta' pożizzjoni elaborat.

Tliet evalwazzjonijiet interim separati addizzjonali koprew l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)³; is-sħubiji pubbliċi-pubbliċi (P2Ps) stabbiliti skont l-Artikolu 185⁴ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE); u s-sħubiji pubbliċi-privati (PPPs, implimentati permezz ta' impriżi konġunti) immedija skont l-Artikolu 187⁵ tat-TFUE. Gruppi ta' esperti indipendenti separati wettqu wkoll rieżami ta' nofs it-terminu tad-disa' sħubiji pubbliċi-privati kuntrattwali⁶, u ta' waħda mill-azzjonijiet diretti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka⁷.

L-Evalwazzjoni Interim ipprovdiet il-bażi ta' evidenza għar-rapport u r-rakkomandazzjonijiet li jħarsu 'l quddiem⁸ tal-Grupp ta' Livell Għoli indipendenti dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, ippresedut minn Pascal Lamy (Il-Grupp ta' Livell Għoli Lamy).

Kif jitlob l-Artikolu 32 tar-Regolament li jstabilixxi Orizzont 2020⁹, l-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li tiġbed l-attenzjoni tal-Istituzzjonijiet tal-UE fuq is-sejbiet ewlenin (Taqsim 2) u t-tagħlimiet meħuda mill-evalwazzjoni ġenerali (Taqsim 3). Din tinkludi t-titjib possibbli u l-orjentazzjonijiet għall-futur, inkluż l-ewwel rispons għar-

¹ https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-guidelines_en

² SWD (2017) 220 *In-depth interim evaluation of Horizon 2020*

³ SWD(2017)352 Final

⁴ SWD(2017)340 Final

⁵ SWD(2017)339 Final

⁶ <https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/6de81abe-a71c-11e7-837e-01aa75ed71a1>

⁷ http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC107957/jrc_implementation_review_web_final.pdf

⁸ *LAB – FAB – APP - Investing in the European future we want*, Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli Indipendenti dwar il-Massimizzazzjoni tal-Impatt tal-Programmi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE, it-3 ta' Lulju 2017

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013

rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Grupp ta' Livell Għoli Lamy dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt.

2. SEJBIET EWLENIN MILL-EVALWAZZJONI INTERIM TA' ORIZZONT 2020

L-Istituzzjonijiet l-oħra tal-UE approvaw is-sejbiet tal-Evalwazzjoni Interim: il-Parlament Ewropew (PE)¹⁰, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)¹¹, il-Kumitat tar-Reġjuni (KtR)¹², u aktar reċenti l-Kunsill Kompetittività permezz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill¹³ tal-1 ta' Diċembru 2017. L-Istati Membri adottaw ukoll opinjoni permezz tal-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER)¹⁴. Il-fehma komuni hi li l-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 hija fil-biċċa l-kbira suċċess.

Orizzont 2020 huwa attraenti u rilevanti. Il-parteċipanti jiġu mill-aqwa istituzzjonijiet u kumpaniji fl-Ewropa kif ukoll barra mill-Ewropa, u jkopru firxa wiesgħa ta' dixxiplini. Il-partijiet ikkonċernati esprimew sodisfazzjon kbir bil-programm, kif muri mill-interess kostanti fis-sejħiet kompetittivi ferm tiegħu. **Aktar min-nofs tal-parteċipanti ta' Orizzont 2020 huma ġodda, meta mqabbel mal-Programm Qafas 7 preċedenti (FP7).** Il-parteċipazzjoni industrijali żdiedet, bi 23,9 % tal-baġit għal teknoloġiji industrijali u abilitanti u l-isfidi tas-soċjetà jmur għall-SMEs - ħafna aktar mill-mira ta' 20 %. Orizzont 2020 wera flessibiltà fir-rispons għall-prijoritajiet politiċi li qed jevolvu, bħall-migrazzjoni, u l-emerġenzi bħat-tifqigħat tal-Ebola u taz-Zika.

Il-programm joffri opportunitajiet uniċi ta' kollaborazzjoni u ta' netwerking. Waħda minn kull ħames pubblikazzjoni xjentifika ta' Orizzont 2020 hija r-riżultat tal-kollaborazzjoni bejn l-akkademja u s-settur privat. Meta mqabbel mal-FP7, Orizzont 2020 jipproduċi aktar pubblikazzjonijiet interdixxiplinarji. Il-PPPs kuntrattwali, li jlaqqgħu flimkien is-settur privat u l-Kummissjoni fid-definizzjoni konġunta tal-aġendi għar-riċerka u l-innovazzjoni, ġabu magħhom valur miżjud permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni intersettorjali u t-trawwim tal-innovazzjoni.

Orizzont 2020 qiegħed fit-triq it-tajba biex jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ħolqien ta' impjegi u għat-tkabbir. Anke jekk Orizzont 2020 jirrappreżenta inqas minn 10 % tan-nefqa totali pubblika fir-riċerka u l-iżvilupp fl-UE, il-mudelli makroekonomiċi jipprevedu li sal-2030 l-impatt soċjoekonomiku tiegħu għandu jkun ta' madwar EUR 600 biljun u 179 000 impjeg¹⁵. Barra minn hekk, huwa jappoġġa l-kisba tal-għanijiet tal-politika tal-UE billi jagħmel enfasi fuq ix-xjenza eċċellenti, it-tmexxija industrijali, u l-isfidi tas-soċjetà¹⁶.

¹⁰ EP T8-0253/2017, RAPPORT dwar il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 fid-dawl tal-evalwazzjoni interim tiegħu u l-proposta dwar il-Programm Qafas 9

¹¹ Ir-rapport ta' informazzjoni tal-KESE INT/807, Orizzont 2020 (evalwazzjoni)

¹² L-Opinjoni SEDEC-VI/026 tal-KtR, id-Dimensjoni Lokali u Reġjonali tal-Programm Orizzont 2020 u l-Programm Qafas il-Ġdid għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

¹³ Mill-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 għad-disa' Programm Qafas - il-Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fl-1/12/2017) <http://www.consilium.europa.eu/media/31888/st15320en17.pdf>

¹⁴ KŻER 1207/17, l-Opinjoni tal-KŻER dwar l-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 u l-preparazzjonijiet għall-Programm Qafas li jmiss

¹⁵ SWD (2017) 220 *In-depth interim evaluation of Horizon 2020*, it-Taqsima 8.4, p. 141 u p. 144

¹⁶ Madankollu, il-miri tan-nefqa għall-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima għadhom ma ntlaħqux, u għalhekk ġew intensifikati l-isforzi fil-Programm ta' Ħidma finali.

L-eċċellenza bħala l-prinċipju ewlieni sottostanti tiżgura l-kwalità. Il-fatt li l-eċċellenza hija l-kriterju ewlieni għall-allokazzjoni tal-finanzjament għen biex l-ewwel pubblikazzjonijiet xjentifiċi ta' Orizzont 2020 jiġu ċċitati b'rata medja li hija d-doppju tar-rata medja dinjija. Il-privattivi magħmula permezz tal-programm huma ta' kwalità u ta' valur kummerċjali potenzjali ogħla minn privattivi simili magħmula xi mkien ieħor. Orizzont 2020 diġà appoġġa madwar 17-il rebbieħ tal-premju Nobel.

L-avvanz li sar fis-simplifikazzjoni ħalla l-frott. Il-miżuri ta' simplifikazzjoni fuq skala kbira li ġew introdotti (eż. is-sett uniku ta' regoli, il-firma elettronika tal-ftehimiet ta' għotja, il-Portal tal-Parteċipanti bħala l-punt uniku ta' kuntatt għall-interazzjonijiet mal-parteċipanti, ir-rata ta' rimborż unika, ir-rata fissa għal spejjeż indiretti) naqqsu sew il-piż u l-ispejjeż amministrattivi, u qassru ħafna l-perjodu tal-għotja (110 jiem inqas mill-FP7). Il-partijiet ikkonċernati japprezzaw il-mudell ta' finanzjament simplifikat, li ma naqqasx il-livell ta' kofinanzjament mill-benefiċjarji.

Orizzont 2020 wera b'mod ċar il-valur miżjud tal-UE. Dan wassal għal ekonomiji ta' skala, kamp ta' applikazzjoni u ħeffa meta mqabbel mal-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali u b'hekk iżid l-attraenza tal-UE bħala post għar-riċerka u l-innovazzjoni. L-addizzjonalità tal-programm (jiġifieri li ma jiġix sostitwit il-finanzjament nazzjonali¹⁷) hija b'saħħitha ħafna. Il-partijiet tal-programm għal benefiċjarju uniku bħall-Istrument għall-SMEs, l-ERC u l-Azzjonijiet Marie Curie jżidu l-valur tal-UE permezz tal-kompetizzjoni pan-Ewropea u l-effetti ta' strutturar li dawn jeżerċitaw fuq is-sistemi nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Orizzont 2020 jipprovdi valur għall-flus L-ispiża ġenerali amministrattiva ta' Orizzont 2020 hija aktar baxxa minn tal-FP7, grazzi għad-delegazzjoni estensiva tal-implimentazzjoni tal-programm lill-aġenziji eżekuttivi speċjalizzati u l-implimentazzjoni armonizzata permezz taċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni ta' Orizzont 2020. In-nefqa amministrattiva hija inqas mill-mira ta' 5 %. Din hija partikolarment baxxa għall-aġenziji eżekuttivi u l-EIT.

L-evalwazzjonijiet tal-inizjattivi ta' sħubija appoġġati minn Orizzont 2020 juru kemm huma effettivi fl-ingranaġġ tal-finanzjament privat u pubbliku addizzjonali sinifikanti u fl-allinjament tal-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-Ewropa kollha.

L-evalwazzjoni interim **tal-EIT** ikkonkludiet li dan jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet strutturali fil-kapaċità tal-innovazzjoni tal-UE. Il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tal-EIT iżidu l-valur tal-UE billi jstimulaw rabtiet mill-qrib u effettivi bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni fi ħdan sett varjat ta' sfidi globali. L-EIT huwa l-pjattaforma għat-tnedija u t-tkabbir tal-KKI, li l-programmi edukattivi tagħhom jikkombinaw l-għarfien tekniku mal-edukazzjoni intraprenditorjali u mal-edukazzjoni fl-innovazzjoni, l-aċċess dirett għan-negozji u l-mobbiltà internazzjonali.

Is-sħubiji pubbliċi-pubbliċi skont l-Artikolu 185 eż. il-Eurostars2, il-Programm Konġunt ta' Riċerka dwar il-Baħar Baltiku (BONUS), ħolqu netwerks u sħubiji fir-riċerka u l-innovazzjoni fuq terminu twil bejn il-finanzjaturi tar-riċerka u l-gvernijiet, biex b'hekk ikkontribwew għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER). Dawn jimmobilizzaw investiment sinifikanti fi proġetti ta' riċerka transnazzjonali f'oqsma ta' politika

¹⁷ SWD (2017) 220 *In-depth interim evaluation of Horizon 2020* it-Taqsima 8.2.2.3 p. 114

importanti, b'mandat ta' azzjoni dejjem aktar globali. Is-saħħa ewlenija **tas-sħubiji pubbliċi-privati kollha skont l-Artikolu 187** eż. CleanSky2, l-Industriji b'Bażi Bijoloġika (BBI), hija l-abbiltà tagħhom li jinvolu u jimmobilizzaw sħubiji industrijali strateġiċi f'oqsma ta' azzjoni ta' prijorità għall-Unjoni, bejn il-fruntieri u fi ħdan is-setturi tan-negozju, kif ukoll il-kontribut dirett tagħhom għall-kompetittività u l-għanijiet tal-politika tal-UE. Dawn jorbtu l-attivitajiet fi ħdan iċ-ċiklu tal-innovazzjoni, u jgħinu sabiex tingħeleb il-frammentazzjoni fis-setturi rispettivi tagħhom billi joħlqu networks kollaborattivi prekompetittivi li jidmu u li jlaqqgħu lill-partijiet ikkonċernati li qabel ma kellhom l-ebda konnessjoni ma' xulxin. **Il-PPPs Kuntrattwali**, eż. il-Fabbriki tal-Futur (FoF) u l-Bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija (EeB), instabu li fil-biċċa l-kbira laħqu l-għanijiet tagħhom, minħabba li huma flessibbli u ġestiti b'mod effiċjenti, u laqqgħu lis-sħab industrijali ewlenin fi strateġiji mmexxija mill-UE, b'fehim reċiproku tar-riżultati skont l-industrija u livell għoli ta' trasparenza, u l-parteċipazzjoni miftuħa, inkluż tal-SMEs.

3. IT-TAGHLMIET MEĦUDA GĦALL-MASSIMIZZAZZJONI TAL-IMPATT TAL-PROGRAMMI QAFAS FUTURI

L-għan ewleni tal-evalwazzjoni interim komprensiva kien li jinsiltu tagħlimiet għall-futur abbażi ta' analiżi kemm tal-aspetti pożittivi kif ukoll tan-nuqqasijiet. Dawn se jgħinu biex titjeb l-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 matul l-aħħar tliet snin tiegħu (bejn l-2018 u l-2020) kif ukoll tal-EIT u tal-Inizjattivi tal-Artikoli 185 u 187.

L-eżerċizzju ta' evalwazzjoni kkombinat jippermetti wkoll li jinsiltu tagħlimiet fit-tul¹⁸, li se jipprovdu informazzjoni għat-tfassil tal-Programm Qafas suċċessur għall-perjodu ta' wara l-2020. Il-Programm ta' Ħidma finali ta' Orizzont 2020 għal bejn l-2018 u l-2020 diġà qed jittestja wħud mis-soluzzjonijiet imfassla biex jiġu indirizzati t-tagħlimiet fit-tul meħuda, li jinkludu fażi pilota tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) futur u l-użu ta' somom sħaħ bħala alternattiva għar-rimborż tal-ispejjeż f'ċerti oqsma.

Dan li ġej huwa sommarju tat-tagħlimiet ewlenin meħuda u tal-oqsma fejn jeħtieġ isir titjeb.

3.1. Investiment b'mod aktar ambizzjuż

Irriżulta li Orizzont 2020 mhux ifffinanzjat biżżejjed. Iż-żieda fl-attraenza tiegħu u r-rilevanza kontinwa tiegħu rriżultaw f'sottoskrizzjoni eċċessiva fuq skala kbira (rata ta' suċċess ta' 11,6 % biss meta mqabbla mat-18,5 % tal-FP7). Sabiex jiġu ffinanzjati l-proposti kollha evalwati b'mod indipendenti u li jaqbu l-limitu strett tal-kwalità kien ikun hemm bżonn ta' EUR 62.4 biljun addizzjonali. Dan in-nuqqas ta' finanzjament jirrappreżenta spiża ta' opportunità għall-potenzjal promettenti Ewropew fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni u jikkostitwixxi ħela ta' riżorsi għall-applikanti (li nefqu madwar EUR 636 miljun fis-sena biex jippreparaw il-proposti¹⁹).

Bi tweġiba għall-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020, il-Parlament Ewropew, appoġġat mill-Kumitat tar-Reġjuni, bl-istess mod jitlob, fost l-oħrajn, lill-UE sabiex tevita tnaqqis fil-baġit għal Orizzont 2020 u biex tagħti lill-programm suċċessur mill-inqas EUR 120 biljun. Il-KŻER jitlob proporzjonalità bejn il-baġit u l-ambizzjonijiet. Bl-

¹⁸ SWD (2017) 220 *In-depth interim evaluation of Horizon 2020* it-Taqsima 12 p. 186

¹⁹ SWD (2017) 220 *In-depth interim evaluation of Horizon 2020* it-Taqsima 7.3.2 p. 60

istess mod, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill jenfasizzaw il-ħtieġa li r-riċerka u l-innovazzjoni jingħataw prijorità fi ħdan il-politiki rilevanti kollha tal-UE, u li għall-programm futur jiġu pprovduti fondi sinifikanti.

Il-Grupp ta' Livell Għoli Lamy jirrakkomanda l-prijoritizzazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-allokkazzjoni ta' aktar finanzjamenti għalihom fil-baġits tal-UE u tal-Istati Membri. Il-Grupp jissuġġerixxi li l-irduppjar tal-baġit tal-programm ta' wara l-2020 huwa l-aqwa investment li l-UE tista' tagħmel biex tallinja l-investment ma' dak tal-kompetituri ewlenin tal-UE u biex jiġi sfruttat il-potenzjal li attwalment qed jinħela tal-proposti ta' kwalità għolja li mhumiex iffinanzjati biżżejjed (jiġifieri li timmira għall-finanzjament ta' mill-inqas 30 % mill-proposti ta' kwalità għolja).

Il-Kummissjoni tiegħu nota tas-sejħa tal-Grupp ta' Livell Għoli u ta' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE biex tinvesti aktar fir-riċerka u fl-innovazzjoni permezz tal-Programm Qafas futur, fid-dawl tal-elementi pożittivi u l-valur miżjud tal-UE tal-programm attwali. Jenħtieġ li l-finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni jkun ikkombinat ma' finanzjament nazzjonali u reġjonali ambizzjuż sabiex tintlaħaq il-mira ta' investment fir-riċerka u l-iżvilupp ta' 3 % tal-PDG tal-UE.

3.2. Simplifikazzjoni kontinwa

Meta mqabbel mal-FP7, Orizzont 2020 għamel progress kbir f'termini ta' simplifikazzjoni, iżda s-simplifikazzjoni hija impenn kontinwu, li jeħtieġ titjib kostanti.

L-istituzzjonijiet tal-UE jinnutaw u japprezzaw il-progress sostanzjali li sar fis-simplifikazzjoni u bl-istess mod jenfasizzaw li dan jeħtieġ li jitkompla. Il-KESE jqis li b'dan il-mod jiżdied l-għadd tal-applikanti, filwaqt li l-KŻER iqis li permezz tas-simplifikazzjoni kontinwa jiġu mfaġġati għodod u regoli li jkunu aktar faċli għall-utent.

L-ambizzjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli Lamy hija li jagħmel l-UE l-aktar finanzjatur tar-riċerka u l-innovazzjoni attraenti fid-dinja (#7 Aktar simplifikazzjoni). Dan jimplika li l-impatt jiġi privileġġat ħafna aktar mill-proċess, eż. billi titnaqqas id-dokumentazzjoni, is-sejriet isiru aktar flessibbli (anki dwar l-għażla tal-istrument u tal-ispejjeż) u billi l-konsorzji tar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu adattati għax-xejriet li qed jinbidlu u għall-opportunitajiet il-ġodda. Il-Grupp jissuġġerixxi li jkun hemm bilanċ bejn it-tnaqqis fl-obbligi ta' rappurtar u d-disponibbiltà ta' dejta kontinwa u f'ħin reali dwar l-impatti tal-proġetti.

Il-Kummissjoni qed tkompli l-ixprunar tas-simplifikazzjoni, inkluż permezz ta' azzjonijiet pilota fl-aħħar Programm ta' Ħidma ta' Orizzont 2020. Abbażi tal-esperjenza miksuba b'dawn l-azzjonijiet pilota, il-Kummissjoni se tkompli tfittex li tikseb aktar simplifikazzjoni biex tappoġġa ċikli ta' innovazzjoni aktar rapidi u tnaqqas il-piż amministrattiv. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltajiet biex: tissimplifika s-sistema ta' rimborż tal-ispejjeż proprji attwali; iżżid l-aċċettazzjoni tal-prattiki kontabilistiċi normali; iżżid l-użu tal-finanzjament ta' proġetti b'somma sħiħa għat-tweġiq tal-attivitajiet u ta' forom oħra simplifikati ta' finanzjament; tnaqqas il-piż għat-tħejjija u s-sottomissjoni ta' proposti; tnaqqas iż-“żmien għall-għotja”; u ttejjeb irrispons mogħti lill-applikanti.

3.3. Appoġġ għall-innovazzjoni rivoluzzjonarja

Bis-saħħa, fost l-oħrajn, tal-Programmi Qafas tal-UE, l-Ewropa hija forza globali fil-qasam tax-xjenza. Madanakollu, fl-innovazzjoni ma tilħaqx l-istess livell ta' prestazzjoni. L-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 identifikat xi potenzjal fl-appoġġ tal-innovazzjoni rivoluzzjonarja li toħloq is-swieq, iżda tikkonkludi li dan l-appoġġ irid jiġi msaħħaħ b'mod konsiderevoli; pereżempju, huwa biss għadd relattivament żgħir ta' ditti li jirċievu għotjiet li jibbenefikaw mill-istrumenti finanzjarji taħt Orizzont 2020²⁰. Dan jista' jfjixkel l-espansjoni għal-livell Ewropew u internazzjonali tad-ditti innovattivi li għadhom jibdedu.

Bl-istess mod, il-Parlament Ewropew jenfasizza l-importanza li l-innovazzjoni tiġi appoġġata b'mod ġenerali, u b'mod partikolari l-innovazzjoni li toħloq tfixkil u l-espansjoni, filwaqt li l-Konklużjonijiet tal-Kunsill jenfasizzaw l-importanza li tiġi appoġġata l-katina kollha tal-valur tal-innovazzjoni, inklużi t-teknoloġiji li joħlqu tfixkil ta' riskju għoli, filwaqt li l-EIC potenzi j futur jenħtieġ li jappoġġa l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u l-espansjoni ta' kumpaniji innovattivi. L-opinjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-KŻER ukoll jagħmlu dan il-punt.

Il-Grupp ta' Livell Għoli Lamy jirrakkomanda l-appoġġ tal-innovazzjoni (eż. il-mudell teknoloġiku, soċjali, tan-negozju) fi ħdan l-oqsma kollha ta' politika tal-UE. B'mod partikolari, dan se johlq qafas regulatorju komuni li jrawwem l-intraprenditorija, il-kompetittività industrijali Ewropea fis-suq globali u t-tmexxija tagħha fir-rivoluzzjoni industrijali attwali (#2 Il-bini ta' politika reali dwar l-innovazzjoni tal-UE li toħloq swieq futuri). Il-Grupp Lamy jissuġġerixxi l-promozzjoni u l-investment f'ideat innovattivi b'potenzjal ta' espansjoni rapida permezz ta' Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) li jkollu s-setgħa li jinvesti fl-intraprendituri u fin-negozji - irrispettivament mid-daqs, mis-settur jew mill-maturità - li jkollhom innovazzjonijiet riskjużi b'potenzjal ta' espansjoni rapida li jgħaqqad it-teknoloġiji u d-dixxiplini differenti. Jirrakkomanda wkoll (#4 Tfassil tal-programm dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE għal impatt ikbar) li l-EIC ifassal proċessi ta' evalwazzjoni u ta' għażla ta' proposti ġodda sabiex jidentifika aħjar il-proġetti b'redditu għoli u ta' riskju għoli, jintroduċi flessibbiltà akbar fil-ġestjoni tal-għotjiet (deċiżjonijiet intermittenti) u jittollera l-fallimenti.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza li dejjem qed tiżdied tal-innovazzjoni li toħloq is-swieq²¹ u se tqis modi kif fil-futur din tista' tiġi appoġġata aktar billi tkompli tibni fuq l-azzjonijiet attwali fl-oqsma tas-Suq Uniku Diġitali, tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Il-kapital ta' riskju fl-Ewropa jammonta għal għoxrin fil-mija tal-livell tal-Istati Uniti. Il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' kumpaniji fl-ekonomiji kollaborattivi u diġitali ġejja fil-biċċa l-kbira mill-Istati Uniti u mill-Asja. Il-Kummissjoni diġà ħadet azzjoni biex tibni politika industrijali, tiddiġitalizza l-industrija tal-UE, u tiżviluppa l-ekonomija kollaborattiva²².

Abbażi tal-kisbiet attwali fl-appoġġ għall-innovazzjoni permezz tal-Istrument għall-SMEs, proġetti kollaborattivi u sħubiji pubbliċi-privati, il-Programm Qafas futur jenħtieġ li jipprovdi appoġġ aktar rapidu u b'mod aktar flessibbli. Il-programm jenħtieġ li jisfrutta l-kumplimentarjetà tal-għotjiet u l-istrumenti finanzjarji, sabiex jattira u jespandi l-

²⁰ SWD (2017) 220 *In-depth interim evaluation of Horizon 2020* it-Taqsima 8.2.2.3 p. 111 u 8.2.3.3 p. 123

²¹ SWD (2017) 220 *In-depth interim evaluation of Horizon 2020* it-Taqsima 8.2.2.3 p. 111 u 8.2.3.3 p. 123

Strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE, ara COM(2017) 479

kumpaniji innovattivi li għadhom jibdew u li qed jikbru b'mod rapidu biex jilhqo livelli internazzjonali u Ewropej, itejjeb l-adozzjoni fis-suq tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni u jaċċellera t-tixrid tal-innovazzjoni. L-għan jenħtieġ li jkun li l-Ewropa tkun minn ta' quddiem nett fil-qasam tal-innovazzjonijiet li joħolqu s-swieq. Għal dan il-għan, se tiġi mnedija l-ewwel fażi pilota tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni fl-aħħar Programm ta' Ħidma ta' Orizzont 2020. L-esperjenzi miksuba minn din l-ewwel fażi, flimkien mal-appoġġ strateġiku tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Innovaturi li ġie stabbilit reċentement²³, se jipprovdu l-bażi sabiex jittieħdu aktar deċiżjonijiet dwar EIC żviluppat bis-sħiħ.

3.4. Ħolqien ta' impatt akbar permezz ta' approċċ orjentat lejn il-missjonijiet u l-involviment taċ-ċittadini

L-Evalwazzjoni Interim tindika l-ħtieġa ta' impatt akbar u ta' aktar involviment maċ-ċittadini²⁴. Dan mhuwiex importanti biss għat-titjib fil-komunikazzjoni tal-kontribut tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u dawk teknoloġiċi; l-involviment taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tal-utenti aħħarin fl-istabbiliment tal-aġenda tal-programm (tfassil konġunt) u fl-implimentazzjoni tagħha (ħolqien konġunt) iwassal għal aktar innovazzjoni billi jstimola l-innovazzjoni xprunata mill-utenti u d-domanda għal soluzzjonijiet innovattivi. Dan se jwieġeb ukoll għall-opportunità li fil-futur jiġi adottat approċċ aktar iffukat fuq l-impatt u aktar orjentat lejn il-missjonijiet²⁵. Il-Programmi ta' Ħidma ta' Orizzont 2020 diġà wittew it-triq għal orjentament lejn il-missjonijiet, bl-użu tal-Oqsma ta' Prijorità bħala passi intermedjarji.

L-Istituzzjonijiet kollha tal-UE jenfassizaw l-importanza li ċ-ċittadini jiġu involuti aktar u li jiġi mmassimizzat l-impatt mill-Programm Qafas. Il-Kumitat tar-Regġuni huwa espliċitu ħafna rigward l-inkoraġġiment tal-adozzjoni ta' approċċ kumplementari ġdid ibbażat fuq il-missjonijiet. Il-KŻER u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill jindikaw il-ħtieġa li s-soċjetà tiġi involuta aħjar u b'mod kostanti, u jitlobu li jiġi esplorat approċċ orjentat lejn il-missjonijiet.

Il-Grupp ta' Livell Għoli Lamy jibbaża fuq din l-analiżi f'diversi rakkomandazzjonijiet tiegħu. Huwa jissuġġerixxi li jiġu definiti l-missjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni b'potenzjal trasformattiv u li jiġu mmobilizzati ħafna atturi u investituri biex iwettquhom, inkluż permezz tal-akkwist pubbliku tal-innovazzjoni (#5 Adozzjoni ta' approċċ iffukat fuq l-impatt u orjentat lejn il-missjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi globali). Il-Grupp Lamy jippreżenta l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (UN SDGs) bħala l-qafas ta' referenza globali sabiex jiġu definiti tali missjonijiet. Jitlob l-involviment tal-pubbliku biex jiġu definiti l-missjonijiet u jitlob ukoll aktar inizjattivi xjentifiċi miċ-ċittadini (#8 Mobilizzazzjoni u involviment taċ-ċittadini). Huwa favur ta' markar aktar effettiv tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, eż. permezz ta' komunikazzjoni usa' tar-riżultati u tal-impatti tagħhom (#11 L-impatti jiġu sfruttati u kkomunikati aħjar). Sabiex l-innovazzjoni tingħata spinta, ir-rapport ta' Lamy jirrakkomanda li l-politiki settorjali jiġu involuti bis-sħiħ fit-tfassil ta' politiki dwar l-innovazzjoni. Skont ir-rapport huwa importanti ħafna li programm jiġi xprunat mill-għan u mill-impatt minflok minn

²³ <https://ec.europa.eu/research/eic/index.cfm?pg=hlg>

²⁴ Dan huwa appoġġat ukoll mir-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli li għamel l-evalwazzjoni *ex post* tal-FP7: "ix-xjenza eqreb taċ-ċittadini"; COM(2016) 5 final

²⁵ Idem "għandu jkun hemm attenzjoni ffukata fuq sfidi u opportunitajiet kritiċi fil-kuntest globali" COM(2016) 5 final

strumenti, b'sistema ta' evalwazzjoni tal-proposti aktar irfinata u flessibbli (#4 Tfassil tal-programm dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni għal impatt akbar).

Permezz tal-Programm ta' Ħidma finali ta' Orizzont 2020, il-Kummissjoni diġà qed tadotta uħud mit-tagħlimiet meħuda f'termini ta' impatt u ta' involviment taċ-ċittadini (eż. permezz ta' dikjarazzjonijiet dwar l-impatt aktar ċari u l-infurzar tat-tixrid u l-isfruttar tar-riżultati tar-riċerka). Il-programm futur, sa mill-bidu nett tiegħu, jenħtieġ li jinbena fuq loġika ta' intervent ċara u fuq evalwazzjoni tal-proposti differenzjata. Se jibda minn impatti ta' terminu twil, riżultati ta' terminu medju u eżiti ta' terminu qasir ċari u, sa fejn ikun possibbli, ikkwantifikati li mistennija jappoġġaw il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, l-SDGs tan-NU u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi.

Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni interim u filwaqt li jitqies il-kamp ta' applikazzjoni u l-ispinta tal-Programmi ta' Ħidma għal Orizzont 2020 għal bejn l-2018 u l-2020, il-missjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni (xjentifiċi, teknoloġiċi, soċjali eċċ) fil-programm li jmiss jenħtieġ li joħlqu aktar impatt, jilhq aktar nies, u jinkoraġġixxu approċċ sistemiku. Dawn jenħtieġ li jindirizzaw l-għanijiet tal-politika tal-UE, jattiraw l-immaġinazzjoni tal-pubbliku (jinvolvu lin-nies rigward il-valuri, filwaqt li jiġu inklużi fil-proċess, u jagħmluhom kburin li huma Ewropej), joħlqu rabtiet bejn id-dixxiplini u s-setturi, u jmorru lil hinn minn dak li huwa attwalment possibbli.

3.5. Żid is-sinerġiji ma' programmi ta' finanzjament tal-UE u Politiki tal-UE oħrajn

Diġà jeżistu sinerġiji bejn Orizzont 2020 u programmi oħrajn tal-UE, bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), l-istrumenti ta' relazzjonijiet esterni, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-Politika Agrikola Komuni. Madanakollu, dawn xorta waħda jenħtieġ li jiġu msaħħa aktar u għandhom isiru aktar effiċjenti u effettivi²⁶. B'mod partikolari, abbażi tas-sinerġiji mal-FSIE u l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelligenti²⁷, il-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni mibnija tul l-aħħar għaxar snin fir-reġjuni bi prestazzjoni baxxa jistgħu jintużaw aħjar għal proġetti appoġġati mill-Programm Qafas u biex tiżdied il-parteċipazzjoni f'netwerks u f'attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni transnazzjonali.

L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tagħti prominenza kbira lis-sinerġiji bejn il-programmi ta' finanzjament tal-UE, li hi tqis li huma kruċjali għal investimenti aktar effettivi, b'mod partikolari bl-isfruttar tal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. Il-Parlament jitlob sabiex jitjiebu s-sinerġiji bejn il-Programm Qafas futur u fondi oħra tal-UE maħsuba biex jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-opinjoni tal-KŻER tindika li s-sinerġiji bejn l-FSIE u l-Programm Qafas jenħtieġ li jiġu żviluppati fuq livell sistemiku, sa mill-fażi tal-ipprogrammar. Bl-istess mod, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill jitolbu li jkun hemm sinerġiji, koerenza, kompatibilità u kumplimentarjetà.

Il-Grupp ta' Livell Għoli Lamy jirrakkomanda li l-programmi ta' finanzjament futuri jiġu mfassla fuq il-loġika ta' intervent kumplimentari, rinfurzabbli u interoperabbli b'mod reċiproku biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-kapaċità fir-reġjuni li qed jitjiebu f'termini ta'

²⁶ Dan huwa appoġġat ukoll mir-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli li għamel l-evalwazzjoni *ex post* tal-FP7: "L-allineament tal-istrumenti u l-aġendi ta' riċerka u innovazzjoni"; COM(2016) 5 final

²⁷ COM(2017)376 Insaħħu l-Innovazzjoni fir-Reġjuni tal-Ewropa: Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli

innovazzjoni (#6 Razzjonalizzazzjoni tax-xenarju finanzjarju tal-UE u l-ksib ta' sinerġiji bil-fondi strutturali).

Il-Kummissjoni se tieġu vantaġġ mill-esperjenzi miksuba fl-implimentazzjoni konġunta tal-ġenerazzjoni attwali ta' programmi ta' finanzjament (eż. l-introduzzjoni tas-Siġill ta' Eċċellenza²⁸) u se tiffoka fuq it-tisħiħ tas-sinerġiji mill-istadju tat-tfassil tal-programm sabiex tiżgura li l-firxa ta' strumenti u ta' programmi tkun tkopri l-katina kollha tal-innovazzjoni. Dan se jsir billi l-prijoritajiet isiru aktar konformi ma' xulxin; billi l-iskemi ta' kofinanzjament isiru aktar flessibbli biex ir-riżorsi jinġabru flimkien fil-livell tal-UE; u billi titjeb il-kompatibilità tar-regoli (pereżempju, billi wieħed ikun jista' japplika s-Siġill ta' Eċċellenza b'mod awtomatiku). Il-programm futur se jkompli jipprovdi wkoll appoġġ għat-tfassil tal-politika.

3.6. Tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali

Il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni hija vitali biex jiġi żgurat l-aċċess għat-talent, l-għarfien, il-kompetenzi, il-faċilitajiet u s-swieq mad-dinja kollha, sabiex l-isfidi globali jiġu indirizzati b'mod effettiv, u jiġu implimentati impenji globali. Minkejja li Orizzont 2020 għandu l-huq internazzjonali wiesa' u huwa miftuħ għad-dinja, il-parteċipazzjonijiet ta' pajjiżi terzi naqsu meta mqabbla mal-FP7, u b'hekk jeħtieġ li l-kooperazzjoni internazzjonali tiġi intensifikata aktar sabiex l-eċċellenza u l-kompetittività tal-Ewropa fir-riċerka u fl-innovazzjoni jiġu msaħħa b'mod kontinwu u jiġu solvuti l-isfidi tas-soċjetà globali.

Il-Parlament Ewropew jitlob sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż ma' sħab assoċjati u pajjiżi emerġenti, mill-aktar fis permezz ta' azzjonijiet konkreti. Barra minn hekk, il-Parlament, jenfasizza l-valur tad-diplomazija tax-xjenza. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill jafferaw mill-ġdid l-importanza tar-reċiproċità.

Il-Grupp ta' Livell Għoli Lamy jagħti prominenza simili (#10 Il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni ssir trademark tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE). Il-grupp jirrakkomanda li jiġu stimulati aktar l-attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali u li l-programm ikun miftuħ għall-assoċjazzjoni mal-aqwa u għall-appoġġ tal-parteċipazzjoni minn kulħadd, abbażi ta' kofinanzjament reċiproku fil-pajjiżi sħab.

Il-Kummissjoni tapprova l-importanza tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-Programm ta' Ħidma finali ta' Orizzont 2020 sempliċiment ifittex li jagħmel dan. Jenħtieġ li l-kriterji u r-regoli jitqiesu għall-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi abbażi tal-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-Valutazzjoni tal-Impatt għall-programm futur tista' tqis diversi modi kif il-kooperazzjoni internazzjonali tista' tiġi stimolata sabiex jiġi żgurat li r-riċerkaturi tal-UE jaħdmu mal-aqwa u mal-aktar sħab xierqa fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni mad-dinja kollha.

3.7. Tisħiħ tal-aċċess

Jeħtieġ li nkomplu nibnu fuq il-progress kbir li sar biex il-pubblikazzjonijiet xjentifiċi u d-dejta ġġenerata minn Orizzont 2020 isiru aċċessibbli b'mod miftuħ għall-pubbliku u għall-komunità xjentifika inġenerali. Madankollu, sa issa inqas minn 70 % tal-

²⁸ <https://ec.europa.eu/research/soe>

pubblikazzjonijiet prodotti minn Orizzont 2020 huma aċċessibbli b'mod miftuħ, u ma jidher li hemm l-ebda sinjal ċar ta' titjib.

L-opinjoni tal-Parlament Ewropew hija favur il-prinċipju ġenerali tal-aċċess miftuħ, filwaqt li l-KŻER iqis il-politika tal-aċċess kompletament miftuħ ta' Orizzont 2020 bħala miżura ċara favur iċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien. Fuq kollox, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-transizzjoni lejn Sistema ta' Xjenza Miftuħa²⁹ jagħtu gwida siewja għall-futur, filwaqt li l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020 jenfasizzaw ir-rwol tax-Xjenza Miftuħa li tagħti spinta lill-impatt u lit-trasparenza.

Il-promozzjoni ta' Xjenza Miftuħa (u speċifikament l-aċċess miftuħ) jissemmew tul ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli Lamy bħala l-prinċipji ta' gwida ewlenin li għandhom jiġu ppremjati (#3 Edukazzjoni għall-futur u investment fin-nies li se jagħmlu l-bidla).

Il-Kummissjoni se tiżviluppa aktar il-politiki tagħha b'appoġġ għall-Aġenda tax-Xjenza Miftuħa³⁰. Abbażi tal-esperjenza tal-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020, il-pubblikazzjonijiet kollha jenħtieġ li jkunu aċċessibbli b'mod liberu u d-dejta kollha jenħtieġ li tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u tkun tista' tintuża mill-ġdid (FAIR). Il-Kummissjoni se tesplora modi kif il-Programm Qafas li jmiss jilqa' bis-sħiħ ix-Xjenza Miftuħa bħala mod ta' tisħiħ tal-eċċellenza xjentifika, filwaqt li jibbenefika mill-parteciġazzjoni taċ-ċittadini, jikseb riproduċibilità aħjar tar-riżultati, u jżid fl-użu mill-ġdid tad-dejta tar-riċerka.

3.8. Razzjonalizzazzjoni tax-xenarju ta' finanzjament

Qasam ewleni għat-titjib huwa r-razzjonalizzazzjoni tal-ambjent ta' finanzjament ta' Orizzont 2020. B'mod partikolari, dan japplika għax-xenarju relatat mal-istrumenti u mal-inizjattivi ta' shubija³¹. Il-partijiet ikkonċernati jindikaw li l-ħafna mill-istrumenti u mill-inizjattivi, minħabba l-kumplessità tagħhom, huma diffiċli li wieħed jifhimhom u jwasslu għal duplikazzjonijiet. Ir-riforma tax-xenarju ta' sħubija attwali jenħtieġ li tagħmilha possibbli li jsir użu mill-potenzjal sħiħ tagħhom sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambizzjużi tal-politika.

L-evalwazzjoni tal-EIT tidentifika l-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar sinerġiji ma' inizjattivi oħra tal-UE mill-istadju tal-ipprogrammar. Hemm lok għal simplifikazzjoni tal-miri rilevanti li l-EIT u l-KKI mistennija li jilħqu sabiex jiksbu għanijiet ċari u li jstgħu jitkejlu; ir-rwol tal-KKI fix-xenarju tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE jeħtieġ ukoll li jiġi definit aħjar. L-evalwazzjoni tal-Artikolu 185 sabet li x-xenarju tal-kooperazzjoni pubbliku-pubbliku (P2P) tal-UE sar iffullat, b'ħafna inizjattivi simili li jaħdmu b'nuqqas ta' koerenza fost il-P2Ps, kif ukoll bejn il-P2Ps u Orizzont 2020. L-evalwazzjoni tal-Artikolu 187 tindika li l-attivitajiet ta' Sħubija Pubblika-Privata (PPP) jeħtieġ li jsiru aktar konformi mal-politiki reġjonali, nazzjonali u tal-UE, u titlob sabiex issir revizzjoni tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni. Ir-rieżami tal-PPPs kuntrattwali (cPPPs) identifika sfidi ta' koerenza fost is-cPPPs u l-ħtieġa li jiġu żviluppati sinerġiji ma' inizjattivi bħall-KKI.

²⁹ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9526-2016-INIT/mt/pdf>

³⁰ <https://ec.europa.eu/research/openscience/>

³¹ Orizzont 2020 jappoġġa żewġ kategoriji wesgħin ta' sħubiji, minbarra l-Inizjattivi Ewlenin tal-FET u l-KKI: dawk li jinvolvu l-aktar l-Industrija, jiġifieri l-inizjattivi tal-Artikolu 187 jew is-Sħubiji Pubbliċi-Privati (PPPs) u l-PPPs kuntrattwali (cPPPs); u dawk li jinvolvu l-aktar l-Istati Membri, jiġifieri l-inizjattivi tal-Artikolu 185 jew is-Sħubiji Pubbliċi-Pubbliċi (P2Ps), l-ERA-NET Cofund, l-EJP-Cofund u l-Inizjattivi ta' Programmazzjoni Konġunta.

Il-KŻER iqis li r-razzjonalizzazzjoni tal-iskemi ta' finanzjament għandha titwettaq mill-aktar fis, filwaqt li jqis li l-P2Ps huma essenzjali għal implimentazzjoni aktar koordinata tar-riċerka u l-innovazzjoni nazzjonali u tal-UE. Bl-istess mod, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Kompetittività enfasizzaw li l-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni attwali saret kumplessa wisq, u li l-inizjattivi ta' sħubija kollha għandu jkollhom strateġija ta' ħruġ mill-finanzjament tal-Programm Qafas. Il-Parlament Ewropew jirrakkomanda li x-xenarju ta' finanzjament tal-UE għandu jsir inqas kumpless.

Bl-istess mod, il-Grupp ta' Livell Għoli Lamy jagħti prijorità lir-razzjonalizzazzjoni (#6 Razzjonalizzazzjoni tax-xenarju finanzjarju tal-UE), fi ħdan il-Programm Qafas u lil hinn minnu. Iqis li hemm ir-riskju li l-firxa ta' skemi ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni tnaqqas l-eċċellenza billi tiffavorixxi "l-kompetizzjoni fost dawk li jkollhom informazzjoni privileġġata". Il-Grupp jirrakkomanda li jiġi eliminat terz mill-iskemi ta' finanzjament, strumenti u akronimi tar-riċerka u l-innovazzjoni. B'mod aktar speċifiku rigward l-isħubiji, il-Grupp jirrakkomanda l-limitazzjoni tal-kofinanzjament tal-UE għas-sħubiji li b'mod ċar iwettqu l-missjonijiet tal-UE, b'mekkaniżmu ta' kofinanzjament simplifikat u flessibbli (#9 Allinjament aħjar tal-investimenti nazzjonali u tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni). Fl-aħħar nett, il-Grupp jirrakkomanda li l-KKI jintużaw b'mod aktar koerenti sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali, billi jiġu inkorporati direttament fil-programm dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE ta' wara l-2020 (#3 Edukazzjoni għall-futur u investment fin-nies li se jagħmlu l-bidla)³².

Il-Kummissjoni tilqa' dawn il-valutazzjonijiet. Fuq terminu qasir, il-Kummissjoni tagħmel hilita biex ittejjeb il-prestazzjoni fiċ-ċiklu tal-ħajja attwali permezz tal-Pjanijiet ta' Ħidma u l-Programmi ta' Ħidma Annwali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet fl-evalwazzjonijiet rispettivi. Fuq terminu twil, se tesplora kif tista' tirrazzjonalizza d-diversi strumenti u skemi ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE għall-benefiċċju tal-benefiċjarji, mingħajr ma tfixkel il-kisba tal-għanijiet ta' politika tagħha. Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni futur jista' jippreżenta opportunità għas-simplifikazzjoni tal-iskemi li jappoġġaw l-innovazzjoni. Il-missjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni potenzjali jistgħu jintużaw għall-istrutturar tal-KKI sabiex dawn ikollhom għanijiet aktar ċari, jikkomunikaw aħjar u jkollhom impatt akbar.

Fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-programm futur, il-Kummissjoni beħsiebha tesplora wkoll modi ta' razzjonalizzazzjoni tas-sħubiji (inkluż il-KKI u l-Inizjattivi Ewlenin tat-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti), ittejjeb l-aċċess miftuħ u t-trasparenza tagħhom, u tgħaqqadhom ma' missjonijiet u ma' prijoritajiet strateġiċi futuri tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE. Bħala parti minn proċess strateġiku, se tqis pereżempju l-addizzjonalità tal-kapaċitajiet, ir-rilevanza għall-prijoritajiet politiċi li ntlaħaq qbil dwarhom bejn l-UE, l-Istati Membri, l-industrija u l-partijiet ikkonċernati l-oħra, il-flessibbiltà, l-istrateġiji ta' ħruġ integrati mill-bidu, u t-twettiq tal-impatt li ma jistax jinkiseb mill-Programm Qafas waħdu.

4. PERSPETTIVA

S'issa, Orizzont 2020 kien storja ta' suċċess tal-UE, b'valur miżjud tal-UE inkontestabbli. Abbażi tas-sejbiet pożittivi tal-Evalwazzjoni Interim, ir-rispons tal-

³² Ir-rapport tal-HLG dwar l-EIT identifika b'mod ċar il-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tal-kwartieri ġenerali tal-EIT bħala fornitur ta' għarfien espert u ta' servizzi kondiviżi lill-KKI. (https://ec.europa.eu/education/sites/education/files/eit-hlg-final-report_en.pdf)

partijiet ikkonċernati u s-sejħa tal-Grupp ta' Livell Għoli Lamy għal “evoluzzjoni, mhux rivoluzzjoni”, hemm bżonn ta' aktar irfinar u ottimizzazzjoni minflok tiġdid tal-Programm Qafas.

Il-Kummissjoni tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli Lamy; hija se tqishom, kif xieraq, fit-tfassil tal-Programm Qafas li jmiss sabiex tistabbilixxi livell għdid ta' ambizzjoni għat-tmexxija globali fix-xjenza u l-innovazzjoni.